# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 499.49

## REGOLAMENTI DWAR IRMONK (TARIFFA TA' RATI)

13 ta' Awissu, 2007

*L-AVVIŻ LEGALI 208 tal-2007, kif emendat bl-Avviżi Legali 425 tal-2007, 143 tal-2008 u 373 tal-2010.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Irmonk (Tariffa ta' Rati).

Titolu.

**2.** Id-drittijiet għal għajnuna mogħtija minn bastimenti ta' l-irmonk lil bastimenti li jidħlu, joħorġu jew jiċċaqalqu fil-portijiet, li jinkludu l-Port il-Kbir, il-Port ta' Marsamxett jew il-Port ta' Marsaxlokk, għandhom ikunu r-rati speċifikati fl-Iskeda.

Tariffa tar-rati.

**3.** (1) Il-ħin li għalih japplikaw ir-rati skond l-Iskeda għandu jibda jgħodd jew mil-ħin li l-bastiment ta' l-irmonk ikun ordnat biex jibda x-xogħol jew mil-ħin meta dan jitlaq mill-irmiġġ, skond liema jkun l-ewwel, u l-ħin li jispiċċa fih ikun dak meta l-bastiment ta' l-irmonk jasal lura fuq l-irmiġġ.

Kif jinħadem il-ħin.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), il-ħin li jieħu l-bastiment ta' l-irmonk mill-irmiġġ sakemm jasal għall-bastiment sabiex jibda s-servizz u l-ħin li jieħu l-bastiment ta' l-irmonk wara li jtemm is-servizz lura lejn l-irmiġġ għandu jiġi kalkolat fuq il-bażi ta' rata fissa, irrispettivament minn kemm fil-fatt jieħu żmien, jekk is-servizz jingħata -

(*a*) fil-Port il-Kbir, bħala 20 minuta;

(*b*) fil-Port ta' Marsamxett, bħala 30 minuta;

(*ċ*) fil-Port ta' Marsaxlokk, bħala 20 minuta;

(*d*) fil-Port il-Kbir jew fil-Port ta' Marsaxlokk, jekk il-bastiment jew bastimenti ta' l-irmonk ikunu bażati fil-port l-ieħor, fi żmien 60 minuta;

(*e*) portijiet oħra, il-ħin li bastiment jieħu bejn irmiġġ u irmiġġ.

**4.** L-ordni għal bastimenti ta' irmonk għandha ssir hekk kif ġej:

Ordni għal bastimenti ta' l-irmonk.

(*a*) għal attività li tista' ssir minn bastimenti ta' l-irmonk li jkunu l-ħin kollu ekwipaġġati fil-Port il-Kbir u f'Marsaxlokk, l-ordni għandha ssir mill-inqas tliet siegħat qabel il-bidu ta' l-operazzjonijiet:

Iżda meta jkunu meħtieġa aktar bastimenti ta' l-irmonk minn dawk il-bastimenti ta' l-irmonk li jkunu diġà kontinwament ekwipaġġati ġewwa dak il-Port, l-ordni għal aktar bastimenti ta' l-irmonk meħtieġa għandha ssir mill-inqas erba' sigħat qabel il-bidu ta' l-operazzjoni;

(*b*) jekk l-ordinijiet għal bastimenti ta' l-irmonk ma jsirux kif provdut fil-paragrafu (*a*), l-assistenza tal-

bastimenti ta' l-irmonk għandha tingħata bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, u skond in-nota (1) u nota (7) ta' l-Iskeda.

Eżenzjoni mill-irmonk.

**5.** L-Awtorità Marittima ta' Malta tista' teżenta mill-irmonk kull bastiment f'kull każ partikolari.

Tħassir ta' ordni għal bastiment ta' l-irmonk.

**6.** (1) Ma għandu jitħallas ebda dritt fil-każ ta' dawk il-bastimenti ta' l-irmonk li jkunu l-ħin kollu ekwipaġġati f'dak il-Port jekk ordni għas-servizz ta' bastiment ta' l-irmonk titħassar u jingħata avviż ta' dak it-tħassir mill-inqas siegħa qabel il-ħin meta kellu jibda jingħata dak is-servizz:

Iżda fil-każ li jkunu ser jintużaw aktar bastimenti ta' l-irmonk minn dawk il-bastimenti ta' l-irmonk li jkunu kontinwament ekwipaġġati ġewwa dak il-Port, l-avviż ta' dak it-tħassir għandu jingħata mill-anqas erba' sigħat qabel.

(2) Jekk l-avviż għat-tħassir ma jingħatax kif provdut fis-subregolament (1), għandha titħallas ir-rata minima ta' siegħa kif speċifikata fil-Kolonna 2 jew Kolonna 3 ta' l-Iskeda, skond il-ħin u l-jum meta kellu jibda s-servizz.

SKEDA

(Regolament 2)

*Sostitwita:*
*A.L. 425 tal-2007;*
*A.L. 143 tal-2008.*
*Emendata:*
*A.L. 373 tal-2010.*

Rati għal kull bastiment ta' l-irmonk għal kull siegħa jew parti minnha

| | Mill-1 ta' Lulju, 2010 | Mill-1 ta' Jannar, 2011 | Mill-1 ta' Lulju, 2010 | Mill-1 ta' Jannar, 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Kolonna 1 | Kolonna 2 | Kolonna 2 | Kolonna 3 | Kolonna 3 |
| | Rati Normali (Ara Nota 2) | Rati Normali (Ara Nota 2) | Rati applikabbli bejn 6 p.m. ta' jum u 6 a.m. tal jum ta' wara u f'xi ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Hadd u fil-Btajjel Pubbliċi (Ara Nota 3) | Rati applikabbli bejn 6 p.m. ta' jum u 6 a.m. tal-jum ta' wara u f'xi ħin nhar ta' Sibt, nhar ta' Hadd u fil-Btajjel Pubbliċi (Ara Nota 3) |
| | € | € | € | € |
| Għal bastimenti sa 3,000 tunnellati gross | 250 | 263 | 342 | 360 |
| Għal bastimenti ta' tunnellati gross (gt) bejn | | | | |
| 3,001 u 6,000 | 316 | 332 | 448 | 471 |
| 6,001 u 10,000 | 395 | 416 | 566 | 596 |
| 10,001 u 13,000 | 474 | 499 | 684 | 720 |
| 13,001 u 16,000 | 552 | 581 | 803 | 845 |
| 16,001 u 20,000 | 672 | 707 | 974 | 1,025 |
| 20,001 u 24,000 | 776 | 817 | 1,132 | 1,192 |
| 24,001 u 35,000 | 882 | 928 | 1,289 | 1,357 |
| 35,001 u 45,000 | 961 | 1,011 | 1,408 | 1,482 |
| 45,001 u 60,000 | 1,053 | 1,108 | 1,553 | 1,635 |
| 60,001 u 80,000 | 1,171 | 1,233 | 1,724 | 1,815 |
| 80,001 u 100,000 | 1,289 | 1,357 | 1,908 | 2,008 |
| 100,001 u 150,000 | 1,382 | 1,455 | 2,040 | 2,147 |
| 150,001 u 200,000 | 1,513 | 1,593 | 2,237 | 2,355 |
| Għal bastimenti ta' iktar minn 200,000 tunnellati gross (gt) | 1,645 | 1,732 | 2,435 | 2,563 |

Noti:

(1) Bla ħsara għall-għadd ta' bastimenti ta' l-irmonk ekwipaġġati disponibbli ġewwa l-Port l-Kbir u l-Port ta' Marsaxlokk rispettivament u bla ħsara għal kull prijorità li tingħata fil-moviment ta' bastimenti fil-portijiet, is-servizz ta' l-irmonk għandu jibda jingħata fi żmien siegħa minn meta jkun ingħata avviż attwali tal-bidu ta' l-operazzjoni.

(2) Ir-rati normali skond id-drittijiet kalkolati taħt il-Kolonna 2 japplikaw fil-ġranet ta' xogħol normali mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn 6 a.m. u 6 p.m. ħlief għal btajjel pubbliċi:

Iżda meta jkunu meħtieġa bastimenti tal-irmonk aktar minn dawk il-bastimenti tal-irmonk ekwipaġġati kontinwament ġewwa l-Port il-Kbir jew il-Port

ta' Marsaxlokk rispettivament, id-drittijiet li għandhom jiġu mħallsa għal dawk il-bastimenti tal-irmonk addizzjonali li jkunu hekk meħtieġa għandhom jiġu kalkolati skond ir-rati taħt il-Kolonna 3 jew id-drittijiet kalkolati skond ir-rati taħt il-Kolonna 2 u għandhom jiżdiedu -

(*a*) b'€303 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(*b*) b'€319 mill-1 ta' Jannar tal-2011

għal kull bastimenti tal-irmonk, skond liema rata tkun l-ogħla.

(3) Għal servizzi mogħtija bejn 6 p.m. ta' jum u 6 a.m. tal-jum ta' wara jew f'xi ħin is-Sibt, il-Ħadd jew f'xi btala pubblika oħra, għandhom japplikaw jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 3 jew id-drittijiet maħdumin bir-rati taħt il-Kolonna 2 miżjuda -

(*a*) b'€593 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(*b*) b'€624 mill-1 ta' Jannar tal-2011

għal kull bastiment tal-irmonk, skond liema rata tkun l-ogħla.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 6, l-inqas dritt ma għandu f'ebda każ ikun inqas mir-rata maħduma għal sagħtejn.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 2, ir-rati li jitħallsu għall-għajnuna li tingħata lill-bastimenti li jkollhom 50% jew aktar merkanzija għat-trasbord li jidħlu fil-faċilitajiet tal-Port Ħieles ta' Malta f'Marsaxlokk u għal bastimenti li jidħlu f'Marsaxlokk in konnessjoni ma' taħlit ta' żejt u xogħol ta' ħżin għal finijiet ta' trasbord jew ta' ri-esportazzjoni biss, għandhom jitqiesu b'rata minima ta' siegħa, jew jekk il-ħin jaqbeż is-siegħa, il-ħin attwali ta' l-operazzjoni sa l-eqreb kwarta ta' siegħa.

(6) Ir-rati li jitħallsu għal għajnuna lil bastimenti inkapaċitati għandhom jiżdiedu b'ħamsin fil-mija, bla ħsara għall-inqas dritt ta' -

(*a*) €1,185 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(*b*) €1,247 mill-1 ta' Jannar tal 2011

għal kull bastiment tal-irmonk għal bastimenti sa 3,000 tunnellata gross u bla ħsara għall-inqas dritt ta' -

(*a*) €1,973 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(*b*) €2,077 mill-1 ta' Jannar tal 2011

għal kull bastiment tal-irmonk għal bastimenti ta' iktar minn 3,000 tunnellata gross:

Iżda dan id-dritt addizzjonali ma japplikax għal ċattri mingħajr mezz indipendenti ta' moviment u għal bastimenti oħra, meta t-tnejn li huma jkollhom inqas minn ħamsa u erbgħin (45) metru tul.

"Bastimenti inkapaċitati" tfisser bastimenti li minħabba f'ċirkostanzi partikolari ma jkunux jistgħu jimmanuvraw bla periklu u weħidhom u tinkludi:

- bastimenti li jinġiebu minn barra x-xtut Maltin jew li jitilqu minn xtut Maltin irmonkati;
- bastimenti li tieqfilhom il-makna (b'mod parzjali jew permanenti), inkluż telf ta' forza jew makni, indipendentement mill-perċentwali tal-ħsara jew telf u inklużi dawk il-każijiet fejn tkun qed taħdem waħda biss minn għadd ta' magni;
- bastimenti bi ħsara fit-tmun (parzjali jew permanenti), inkluż meta t-tmun ikun imwaħħal f'xi posizzjoni partikolari;

- bastimenti li jkunu tilfu l-użu tat-tmun, indipendentement mit-tip ta' limitazzjoni li jkollhom;
- bastimenti bi ħsara fil-*generator*;
- bastimenti li jkollhom xi difett ieħor li jolqot il-kapaċità tal-bastiment li jimmanuvra, inkluż ħsara jew telf ta' l-iskrun;
- ċaqliq ta' bastimenti mingħajr ma dawn jużaw il-magni, jew ċaqliq ta' bastimenti li ma għandhomx l-użu tal-magni;
- pjattaformi taż-żejt u bċejjeċ jew opri tal-baħar oħra u li jżommu f'wiċċ l-ilma li ma jkollhomx il-buq u d-disinn ta' bastiment konvenzjonali.

Dan japplika għal kull għajnuna li tingħata minn bastiment ta' l-irmonk lil dawk il-bastimenti waqt li jkunu deħlin fil-Portijiet ta' Malta, ikunu jiċċaqilqu fihom jew ħerġin minnhom u ġewwa l-ibħra territorjali ta' Malta.

Iżda d-definizzjoni "bastimenti inkapaċitati" ma tapplikax għal ħsarat jew difetti ta' xorta temporanja li jiġru u jseħħu waqt operazzjoni normali ta' rmonk, meta dik il-ħsara jew dak id-difett idumu għal 30 minuta jew inqas.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 4, meta bastiment tal-irmonk li jkun il-ħin kollu ekwipaġġat fil-Port il-Kbir jew f'Marsaxlokk hu mitlub sabiex jagħti servizz f'xi ħin mingħajr ma jkun ingħata tal-inqas avviż ta' tliet sigħat, għandu jitħallas dritt żejjed ta' -

(*a*) €198 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(*b*) €208 mill-1 ta' Jannar tal-2011

għal kull bastimenti tal-irmonk.

Meta bastiment tal-irmonk huwa mitlub b'żjieda ma' bastimenti tal-irmonk li huma l-ħin kollu ekwipaġġati ġewwa l-Port il-Kbir jew il-Port ta' Marsaxlokk rispettivament, f'kull ħin, mingħajr ma jingħata tal-anqas avviż ta' erba' sigħat, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' -

(*a*) €395 mill-1 ta' Lulju tal-2010; u

(*b*) €416 mill-1 ta' Jannar tal-2011

għal kull bastimenti tal-irmonk.

(8) Għandu jkun japplika ħlas addizzjonali għaż-żejt (BAF) sabiex jagħmel tajjeb għall-varjazzjonijiet fil-prezz internazzjonali taż-żejt. Il-ħlas addizzjonali bbażat fuq il-prezz taż-żejt (*gas-oil*) għandu jiġi kalkulat bħala perċentwali fuq ir-rati normali skond il-Kolonna 2 u għandu jkun rivedut perjodikament sabiex jirrifletti varjazzjonijiet fil-prezzijiet taż-żejt, kif pubblikati jew mgħarrfa minn żmien għal żmien mill-awtorità kompetenti li tkun responsabbli għall-pubblikazzjoni uffiċjali tan-notifikazzjonijiet tal-prezzijiet taż-żejt. Dan il-ħlas addizzjonali għaż-żejt ser jkun mitlub b'żieda mar-rati normali inklużi fil-prezz fatturat ta' operazzjoni, u ma jkun soġġett għal ebda roħs.

(9) Ir-rati li japplikaw għal bastimenti (inkluż kull tip ta' biċċa tal-baħar jew opri oħra li jżommu f'wiċċ l-ilma) li jkollhom wisa' ta' aktar minn 25% mit-tul totali tagħhom, għandhom jiżdiedu b'mija fil-mija (100%).

(10) "Tunnellaġġ Gross (gt)" jiġi kalkolat skond il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-1969 dwar il-Kejl ta' Tunnellaġġ ta' Bastimenti, li saret obbligatorja għall-bastimenti kollha f'Lulju ta' l-1994; iżda meta ċ-Ċertifikat ta' Tunnellaġġ Gross uffiċjali ta' bastiment ma jkunx inħareġ u, jew ma jkunx jista' jiġi stabbilit minn awtorità kompetenti skond id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni relattiva, ir-rata għal kull vapur ta' l-irmonk għal kull siegħa għandha tiġi stabbilita skond it-tul komplet

tal-bastiment fuq il-bażi tat-tunnellaġġ gross ta’ dawk il-bastimenti li jkollhom tul komplet li jkun l-istess jew simili.